**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Illum:** 3 ta' Dicembru, 2018

**Il-Pulizija**

**(Spettur Yvonne Farrugia)**

**-vs-**

**Bessam Abdulhamid, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 256610L**

*Kumpilazzjoni Nru.816/2015*

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Bessam Abdulhamid, talli:

1. Fl-4 ta' Mejju, 2015, ġewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, mingħajr awtorita' legali jew mingħajr skuża leġittima jew raġonevoli xtara jew irċieva mingħand xi persuna, jew kellu fil-kustodja jew pussess tiegħu, biljetti tal-flus falsifikati li kien jaf li l-istess huma falsifikati;

2. Fl-istess data, lokalita' u ċirkostanzi, instab fil-pussess ta' jew kellu taħt il-kontroll tiegħu xi oġġett għall-użu fit-twettiq jew f'konnessjoni ma' xi frodi.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oġġetti kollha esebiti.

Il-Qorti ġiet wkoll mitluba sabiex, jekk filwaqt tal-proċediment Kriminali, il-Qorti tqis il-ħtieġa li tordna l-qirda tal-biljetti tal-flus foloz, hija għandha qabel tikkonsulta mal-Bank Ċentrali ta' Malta, u għandha, jekk u skont ma jista' jkun jeħtieġ il-Bank Ċentrali, tieqaf milli tordna l-qerda tagħhom u tgħaddi biex tikkonsenja dawk il-biljetti tal-flus lill-Bank Ċentrali biex jinflew minnu, hekk kif ikontemplat fl-Artikolu 50(4) tal-Kapitolu 204 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet wkoll ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-artikoli.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat-

Illi qabel mal-Qorti sejra tikkonsidra l-provi migjuba quddiemha in sostenn tal-ewwel imputazzjoni, sejra fl-ewwel lok tikkunsidra u tiddeciedi l-vertenza sollevata mid-difiza dwar l-ewwel imputazzjoni.

*Nullum crimen sine lege*

Illi l-abbli difiza ssolevat il-fatt li l-kondotta ravvizata bl-ewwel imputazzjoni m'ghadhiex reat ai termini tal-Artikolu 46 tal-Att dwar il-Bank Centrali, Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk l-imputat ghandu jigi liberat minn din l-akkuza.

Il-prosekuzzjoni mill-banda l-ohra, tishaq li dak ir-reat qatt ma tnehha minn reat, izda l-kondotta ravvizata fl-artikolu 46 baqghet sancita bhala reat taht l-Kodici Kriminali.

Illi r-reat li l-prosekuzzjoni qed tirreferi ghalieh huwa dak ravvizat bl-artikolu 188C tal-Kodici Kriminali li gie introdott bl-Att XLIX tal-2016, liema strument legislattiv trafserixxa ghadd ta' reati, inkluz dak ai termini tal-artikolu 46, mill-Att dwar il-Bank Centrali ghal Kodici Kriminali.

Illi minn imkien ma jirrizulta li l-legizlatur f'dawn it-tibdiliet li saru b'dak l-Att ipprovda ghal *transitory provision.* Madanakollu l-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) ikkunsidrat vertenza simili ghal dik mressqa mill-abbli difiza f'kaz fejn ukoll ma kien hemm l-ebda *transitory provision* sabiex toffri aktar certezza legali, kwezit indispensabbli li janima is-saltna tad-dritt:[1]

22. As appellant points out, Legal Notice 463/2004 was repealed by Legal Notice 149/2007, and the latter Legal Notice contains no transitory provision. However, the Interpretation Act (Chapter 249 of the Laws of Malta) provides in article 12:

"(2) Where an Act, whether passed before or after the commencement of this Act, amends any other Act passed either before or after the commencement of this Act, or any provision of any such other Act, the Act or provision so amended, as well as anything done thereunder or by virtue thereof, shall, unless the contrary intention appears, continue to have full effect, and shall so continue to have effect as amended, and subject to the changes made, by the amending Act.

"(3) For the purposes of subarticle (2) 'amendment' means and includes any amendment, modification, change, alteration, addition or deletion, in whatsoever form or manner it is made and howsoever expressed, and includes also a provision whereby an Act or a provision thereof is substituted or replaced, or repealed and substituted, or repealed and a different provision made in place thereof."

23. Moreover, article 2 of the Interpretation Act defines "Act" as "an Act of Parliament and any other Act passed by the Legislature of Malta and includes any code, ordinance, proclamation, order, rule, regulation, bye-law, notice or other instrument having the force of law in Malta other than an instrument to which the Act of the Parliament of the United Kingdom of Great Britain and Northern Ireland entitled the Interpretation Act, 1889, applies".

24. On examining Legal Notice 463/2004 and Legal Notice 149/2007, it would appear that the substance of these two Legal Notices is the same. Both carry an obligation on any person to declare to the Comptroller of Customs on entering or leaving Malta (and in the case of L.N. 149/2007 even in transiting Malta) any sum of money exceeding, in the case of L.N. 463/2004 Lm5000, and in the case of L.N. 149/2007 Lm4,293. Both carry the obligation to make such declaration on the apposite form

[1] Per The Hon. Mr. Justice Dr. David Scicluna (Acting President), The Hon. Mdme. Justice Dr. Abigail Lofaro and The Hon. Mr. Justice Dr. Joseph Zammit Mc Keon; **The Republic of Malta v. Morgan Ehi Egbomon**, Number 16/2009; Deciz 31ta' Lulju, 2014.

indicated in the Schedule to the regulations. Both carry the same punishments for a false declaration or the failure to declare……

25. Although, therefore, the recipient of the information provided by the Comptroller of Customs has changed, the obligation to declare has remained unchanged, **the crimes established by both Legal Notices have remained unchanged and so too the consequent penalties**. Consequently, although Legal Notice 463/2004 was repealed, the provisions of Legal Notice 149/2007 clearly show that there was no intention to repeal its effect. Both the making of a false declaration and the failure to declare are crimes now as much as they were when Legal Notice 463/2004 was in force…… Appellant's second grievance is thus also dismissed. [emfazi tal-Qorti]

Issir riferenza ghal dak pronuncjat mill-Qorti Kriminali fid-decizjoni fuq eccezzjonijiet preliminari fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Daniel Felice**:[2]

Illi il-principju tad-dritt penali iccitat mill-akkuzat ta' *nullum crimen sine lege* necessarjament ifisser illi ebda persuna ma tista' tigi akkuzata b'att jew omissjoni li ma kienx jikkostitwixxi reat fiz-zmien meta sehh u dan ghaliex hija permezz tal-ligi biss li jista' jigi mfassal dak li jikkostitwixxi reat u il-piena ghal kummissjoni ta'l-istess. Illi sahansitra l-artikolu 11 tal-UDHR (Universal Declaration of Human Rights) ighid hekk:

***"No one shall be held guilty of any penal offence on account of any act or omission which did not constitute a penal offence, under national or international law, at the time when it was committed. Nor shall a heavier penalty be imposed than the one that was applicable at the time the penal offence was committed".***

Issa fil-kaz in dizamina huwa indubitat illi l-att li wassal sabiex l-Avukat Generali fassal it-Tieni Kap ta'l-att ta'l-akkuza kien jikkostitwixxi reat fiz-zmien meta sehh. Dan huwa fatt inkontestat. Illi l-artikolu 24(2) tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta qabel ma gie abrogat permezz ta'l-Att XX tal-2012, kien iwassal sabiex kull persuna li minghajr licenzja tal-pulizija jispara arma tan-nar f'post abitat jew fit-triq pubblika jiffaccja prosekuzzjoni penali ghal dan l-att. Illi allura f'dan il-kaz huwa dak dispost fil-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta li ghandu isib applikazzjoni u mhux il-principju ta' dritt iccitat mill-akkuzat. L-artikolu 12 ta'l-Att dwar l-Interpretazzjoni jaqra:

**(1) Meta xi Att mgħoddi wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att iħassar xi liġi oħra, kemm-il darba ma jidhirx ħsieb kuntrarju, t-tħassir m'għandux:**

**d) jolqot xi penali, konfiska jew piena li wieħed seta' jeħel dwar xi reat li jkun sar kontra xi liġi hekk imħassra, jew xi responsabbiltà għal xi penali, konfiska jew piena bħal dawk**

**e) jolqot kull stħarriġ, proċedimenti legali, jew rimedju dwar xi dritt, privileġġ, obbligazzjoni, responsabbiltà, penali, konfiska, jew piena kif intqal qabel, u kull stħarriġ, proċedimenti legali, jew rimedju bħal dawk jistgħu jinbdew, jitkomplew, jew jiġu nforzati, u kull penali, konfiska jew piena bħal dawk jistgħu jiġu posti, bħallikieku l-Att li jħassar ma jkunx għadda.**

Illi fid-decizjoni il-Pulizija vs Benny u Anna Zaffarese, il-Qorti ta'l-Appelli Kriminali sahhqet illi anke fejn il-ligi il-gdida ma taghmilx ebda riserva meta b'xi emenda jigi imhassar xi reat, ghandu japplika l-artikolu

[2] Per Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima; Deciza 22 ta' Settembru, 2016

12(1) ta'l-Att dwar l-interpretazzjoni, kif hawn fuq iccitat.[3] Dan dejjem ghandu isir taht is-salvadwardja kostituzzjonali, li jirriproduci d-dritt internazzjonali ghal harsien tal-jeddijiet tal-bniedem hawn fuq iccitat, fejn fl-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni hemm espressament dispost illi:

**"Ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew omissjoni li, fil-ħin meta jkun sar, ma jkunx jikkostitwixxi reat bħal dak, u ebda piena ma għandha tiġi mposta għal xi reat kriminali li tkun aktar severa fi grad jew xorta mill-ogħla piena li setgħet tiġi mposta għal dak ir-reat fiż-żmien meta jkun ġie magħmul."**

Dak li huwa imhares fil-Kostituzzjoni allura huwa l-jedd ta' kull persuna akkuzata b'reat illi ma tigix imposta fuqu ebda piena aktar harxa mill-oghla piena li setghet tigi imposta fuqu fiz-zmien meta ikun gie kommess dak ir-reat. Dan necessarjament ifisser allura li ghalkemm l-akkuzat jista' jigi ipprocessat ghall-att jew omissjoni li kien jikkostitwixxi reat meta sehh, ghalkemm illum dak l-att jew omissjoni ma ghadux meqjuz bhala reat kriminali, madanakollu huwa ma jistax jigi iproccessat u jehel piena aktar harxa minn dik li kienet tapplika ghalih fiz-zmien li sehh dak ir-reat ghalkemm dik il-piena tkun sussegwentment saret iktar harxa b'emendi fil-ligi li jigu affetwati wara l-kummissjoni ta'l-istess. Fuq kollox ghandu jinghad illi il-pussess u il-garr ta' arma tan-nar barra minn xi fond u allura l-uzu ta'l-istess minghajr licenzja tal-Kummisarju tal-Pulizija jikkostitwixxi reat taht l-Att Dwar l-Armi u kwindi l-akkuzat ma jistax jikkontendi illi l-att maghmul minnu illum ma huwiex reat billi illum huwa regolat minn ligi *ad hoc* li tirregola l-uzu u l-pussess ta'l-armi tan-nar. [sottolinejar tal-Qorti]

Issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Martin Cassano**:[4]

Illi fir-rigward tat-tieni akkuza li hija imfassla fuq l-artikolu 97(f)(i) tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandu jinghad illi din id-disposizzjoni tal-ligi giet imhassra permezz tar-regolament 42 ta'l-Avviz Legali 376 ta'l-2012. Illi allura ghalkemm l-att vjolatur kien jikkostitwixxi reat meta sehh, dan madanakollu ma baqax jigi hekk ikkunsidrat ftit xhur wara l-akkuza. Illi in linja mad-decizjonijiet moghtija mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem il-qorti ghalhekk hija tal-fehma illi fir-rigward tat-tieni akkuza ebda piena ma ghandha tigi imposta fuq l-appellanti u l-Qorti ghaldaqstant ser tghaddi biex tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dina l-akkuza u tirrevoka konsegwentement is-sejbien ta' htija li wasslet ghaliha l-Ewwel Qorti:

*"The Court notes that the obligation to apply, from among several criminal laws, the one whose provisions are the most favourable to the accused is a clarification of the rules on the succession of criminal laws, which is in accord with another essential element of Article 7, namely the foreseeability of penalties …. The Court …. affirms that Article 7 § 1 of the Convention guarantees not only the principle of non-retrospectiveness of more stringent criminal laws but also, and implicitly, the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law. That principle is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant."*[5]

---

[3] Ara ukoll **Il-Pulizija vs George Debono** – 20/01/1995

[4] Per Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima; Appell Nru: 497/2016, Deciz 28 ta' Settembru, 2017

[5] **Scoppola vs Italy** App.No.12049/03 – 17/09/2009 (Grand Chamber)

Illi l-Qorti Ewropeja kompliet tirraferma din il-posizzjoni fid-decizjonijiet li segwew bhal Öcalan v. Turkey deciza fit-18 ta' Marzu, 2014 fejn gie ritenut:

"*The court notes that the principle of <u>retrospectiveness of the more lenient criminal law</u>, considered by the court in Scoppola (no. 2), as guaranteed by Article 7, is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant.*[6]"

Sahansitra il-Professur Mamo fin-noti tieghu ghad-dritt penali kien tal-fehma illi:

*"In fact, in the hypothesis under discussion, though the liability was contracted while the former law was still in force, the prosecution and sentence would be carried on and pronounced after such law has been repealed. So that, if such law were to be applied to such prosecution and sentence, it would be given an effect beyond its legal limit of operation.*

*It is thus not by way of an equitable retrospective application of the new law but rather on the grounds that the operation of the old law cannot extend beyond its repeal (divieto di ultra-attivita') that, in this hypothesis, the criminal proceedings cannot be maintained in respect of the act which, at the time of the trial, has ceased to constitute a criminal offence.*[7]"

B'hekk illum ghalkemm il-prosekuzzjoni tar-reat abrogat fil-mori tal-proceduri jista' jitkompla u dan fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Att dwar l-Interpretazzjoni, madanakollu l-istess qieghed jitqies illi huwa leziv tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Dan ghaliex il-ligijiet u r-regolamenti sanitarji gew imfassla f'ligi gdida permezz ta'l-imsemmi avviz legali li biddel b'mod drastiku il-ligi sanitarja u dan sabiex jigu implimenatati d-direttivi tal-Unjoni Ewropeja fir-rigward biex b'hekk gew fis-sehh ir-Regolamenti dwar ir-Rendiment ta'l-Energija fl-Uzu tal-Bini. [sottolinejar tal-Qorti]

Fil-kaz in dezamina l-kondotta tal-imputat baqghet tikkostitwixxi reat, izda dak li sehh kien biss li minflok baqa' reat taht l-Att dwar il-Bank Centrali ta' Malta, dan tnehha minn dan l-Att w minflok iddahhal taht il-Kodici Kriminali.

Ghalhekk imiss jigi kkunsidrat jekk bl-emendi kif introdotti bl-Att XLIX tal-2016,[8] kienx hemm tibdiliet fis-sustanza tar-reat li aggravaw ir-reat

[6] Ara ukoll **Ruban vs Ukraine** – 12/07/2016 u **Koprivnikar vs Slovenia**

[7] Informazzjoni miksuba minn artikolu minn The Times of Malta data 27 ta' Frar 2017 "The more lenient criminal law" miktub mill-Profs. Kevin Aquilina.

[8] Dawn l-emendi gew proposti bl- Abbozz ta' Liġi li jkompli jemenda l-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta (Emenda Nru 2), Abbozz Nru. 171 tal-2016 (f'dak li jirrigwarda l-Ewwel Parti li thassar disposizzjonijiet that il-Kap.204) kif ukoll fi

originali jew il-piena li kien igorr dak ir-reat. Jinghad mill-ewwel li l-piena baqghet l-istess u cioe` r-reat baqa' punibbli bi prigunerija ta' bejn tlettax-il xahar u ħames snin.

Illi bl-Att XLIX tal-2016 giet trasposta fil-ligi Maltija *Id-Direttiva 2014/62/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-protezzjoni tal-euro u muniti oħra kontra l-iffalsifikar permezz tal-liġi kriminali, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2000/383/ĠAI.*

Fit-Tieni Qari tal-Abozz ta' Ligi li Jemenda l-Att Dwar Il-Bank Centrali ta' Malta (Emenda Nru.2), l-Onor. Ministru tal-Finanzi ddeskriva r-*ratio legis* ghat-tibdiliet li sussegwentement gew introdotti bl-Att XLIX tal-2016:[9]

*"....illum qed inressaq quddiem il-Kamra tar-Rappreżentanti l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att biex ikompli jemenda l-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta, Kap. 204", però qabel ma niġi biex nispjega l-emendi li qed nipproponi, nixtieq nagħmel riferenza qasira għad-Direttiva tal-Unjoni Ewropea li minnha qed jirriżultaw dawn l-emendi u li eventwalment se jiġu riflessi kemm fl-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta kif ukoll fil-Kodiċi Ċivili.*

*Id-Direttiva tal-Unjoni Ewropea tal-2014 tiffoka fuq il-protezzjoni tal-ewro u muniti oħrajn kontra l-falsifikazzjoni permezz ta' liġi kriminali. L-oġġettivi ta' din id-Direttiva huma ntiżi biex jiġu stabbiliti regoli, kemm f'dawk li jikkostitwixxu offiżi kriminali kif ukoll sanzjonijiet rigward il-falsifikazzjoni tal-ewro u ta' muniti oħra, biex jiġu introdotti dispożizzjonijiet komuni bil-għan li tissaħħaħ il-ġlieda kontra offiżi marbutin mal-istess falsifikazzjoni tal-flus, biex jiġu mtejba l-investigazzjonijiet li għandhom isiru mill-awtoritajiet f'dan il-qasam kriminali kif ukoll biex tiġi żgurata koperazzjoni kontinwa u aħjar bejn l-awtoritajiet rilevanti tal-istati membri kollha tal-Unjoni Ewropea.*

*L-għan tal-Abbozz ta' Liġi li għandna quddiemna llum hu li jitneħħew mill-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta dispożizzjonijiet li jirrigwardaw il-falsifikazzjoni u t-tqegħid ta' flejjes fiċ-ċirkolazzjoni għax id-dispożizzjonijiet li hemm bħalissa huma relatati direttament mal-investigazzjoni u mal-amministrazzjoni tal-ġustizzja, u għaldaqstant huma aktar f'posthom fil-Kodiċi Kriminali. Wieħed mill-artikli li se jiġu trasferiti mill-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta għall-Kodiċi Kriminali hu artiklu 45, li jirrigwarda sanzjonijiet dwar falsifikazzjoni u tqegħid ta' flejjes fiċ-ċirkolazzjoni, u dan l-artiklu jipprovdi għal tliet livelli ta' sanzjonijiet. L-ewwel nett għandna priġunerija ta' bejn sentejn u disa' snin għal min jinqabad jiffalsifika jew imexxi flus foloz b'mod konxju. Imbagħad ikun hemm ukoll priġunerija ta' bejn xahrejn u tliet snin għal min jinqabad imexxi flus foloz imma li jipprova li fiż-żmien li ġew il-flus f'idejh ma kienx jaf li tali flus kienu foloz. Imbagħad hemm priġunerija ta' bejn sentejn u*

---

stadju ta' Kumitat permezz ta' Klawzoli Nru.6 u 7 fis-Seduta Nru. 429 tad-19 t'Ottubru, 2016.

[9] Seduta Nru 429, L-Erbgħa, 19 ta' Ottubru, 2016

*għaxar snin għal min jinqabad juża b'mod konxju xi faċilitajiet jew materjal biex jimmanifattura xi flus foloz.*

*Artiklu 46, li wkoll se jiġi trasferit mill-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta għall-Kodiċi Kriminali, jirrigwarda sanzjonijiet fuq il-pussess ta' biljetti ta' flus iffalsifikati. Dan l-artiklu jipprovdi priġunerija ta' bejn 13-il xahar u ħames snin għal min,* ***mingħajr awtorità legali jew inkella mingħajr skuża leġittima jew raġonevoli****, jixtri jew jirċievi mingħand xi persuna flus iffalsifikati u b'hekk ikollu l-pussess tagħhom."*

Illi minkejja din l-affermazzjoni, u cioe` li l-artikolu 46 kien ser jigi trasferit biss minghajr ma ssemma' li kien ser ikun hemm xi bdil fid-dispozizzjoni relattiva meta kien ser issib postu fil-Kodici Kriminali, meta gie promulgat bil-Klawzola 7 fis-Seduta Nru.429 tad-19 t'Ottubru, 2016, l-artikolu 188C tal-Kodici Kriminali - li jittrasponi l-artikolu 3.1.c. tad-Direttiva[10] - l-artikolu l-gdid ma baqax jirrispekkja *in toto* l-artikolu 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta. Fid-disposizzjoni gdida thalliet barra l-frazi "**jew inkella mingħajr skuża leġittima jew raġonevoli**". Dan meta mhemmx dubbju li l-element intenzjonali jippervadi d-disposizzjoni tal-Artiolu 3.1.c. tad-Direttiva.

Fil-fatt l-artikolu 188Ċ jghid biss:

Kull min **mingħajr awtorità legali** jimporta, jesporta, jittrasporta, jixtri, jirċievi, jikseb jew ikollu taħt il-kustodja jew pussess tiegħu flus falsifikati li jkun jaf li l-istess ikunu falsifikati jeħel, ......,

meta l-artikolu 46 tal-Att dwar il-Bank Centrali ta' Malta kien jipprovdi:

Kull min **minghajr awtorita legali jew minghajr skuza legittima jew ragjonevoli** (liema prova tkun fuq l-akkuzat) jixtri jew jircevi minghand xi persuna jew ikollu fil-kustodja jew pussess tieghu biljett tal-flus falsifikat, li jkun jaf li l-istess ikun falsifikat, jehel meta jinsab hati .....

Ghalkemm l-artikolu gdid 188A, li hu korollarju ghall-artikolu 188C, hu msejjes fuq l-element intenzjonali u cioe` li l-pussessur, importatur,

[10] Artikolu 3 - Reati
1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li l-aġir li ġej, **meta jsir intenzjonalment**, ikun punibbli bħala reat kriminali:
(a) kull fabrikazzjoni jew alterazzjoni frawdulenti ta' munita, ikun x'ikun il-mezz li jintuża;
(b) it-tqegħid fiċ-ċirkolazzjoni b'mod frawdulenti ta' munita falza;
(c) l-importazzjoni, l-esportazzjoni, it-trasport, li tirċievi jew tikseb munita falza **bl-iskop li titqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni u bl-għarfien tal-kontrafazzjoni tagħha**.

esporatur etc. tal-flus ffalsifikati, jkun konxxju tal-fatt li l-flus ikunu ta' valuta legali u mahsuba ghac-cirkolazzjoni meta jirrikjedi li *" "flus" hija referenza għall-karti tal-flus euro…. maħsub jew hi maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni bħala valuta legali"*, **il-fatt li mid-disposizzjoni l-gdida tnehhiet id-difiza ta' skuza legittima jew ragjonevoli,** jirrendi l-artikolu 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta bhala d-disposizzjoni aktar favorevoli ghall-akkuzat.

Fid-dawl tas-sentenzi citati l-eccezzjoni tad-difiza mhux qed tintlaqa' filwaqt li qed jigi deciz li ghandha tibqa' tapplika d-disposizzjoni tal-artikolu 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk il-Qorti ser tghaddi biex tevalwa l-provi migjuba in sostenn tal-ewwel imputazzjoni.

*L-Ewwel Imputazzjoni – Artikolu 46 tal-Kapitolu 204, Ligijiet ta' Malta.*

Illi l-**Ispettur Yvonne Farrugia** tixhed li ghalkemm l-imputat ghadda mill-*Green Channel,* malli dan ra ufficjal tad-dwana mar fuqu mill-ewwel u infurmahom li kellhu xi oggetti x'jiddikjara. Dwar in-noti bankarji li nstabu fil-baggalja tghid li l-imputat nsista li dawn kienu *photocopy* minghajr *security features*, nxtraw ghal €1 kull pakkett u nnega li kienu ntizi sabiex iqarraq b'xi hadd.[11] In kontro-ezami tikkonferma li ghalkemm l-imputat stqarr maghha li xtara dawn il-'flus' minn suq gewwa Istanbul, hi ma ghamlet l-ebda verifiki ulterjuri biex jigi kkonstat jekk dan hux minnu.[12]

Illi fl-istqarrija rrilaxxata minnu l-imputat jghid *"mort ghand id-Dwana, ftaht il-bagalja u hedtilhom li ghandhi xi flus kopji. Dak il-hin urejthom il-flus, tghajthomlom u ghedtilhom li xtrajthom mit-Turkija ghat-tfal biex nilghabu blackjack jew poker jew xi loghob iehor ta' dan it-tip…kienu bil-lastiku hekk kif jidhru….Dawn mhumiex flus imma just photocopy li fihom l-istampa tal-€200…ma fihomx safety features….Naqbel li huma mhux flus imma xi haga falza."*.[13]

Illi **Hilary Fenech**, ufficjal tad-Dwana, xehed li ra dawn il-karti tal-flus malli l-imputat fetah il-baggalja tieghu ***"Ahna dehrilna li ma kienux ta'***

[11] Fol.12
[12] Fol.82-85
[13] Fol.17

***veru***[14]***.....mix-xehta taghhom qisna hadnihom li huma foloz****..iva iva* <u>*dehru*</u>*".*[15] **Gaetano Agius,** ufficjal tad-Dwana iehor, jikkorobora dak li ddikjara l-imputat u cioe` li kien hu li mar fuq l-ufficjali tad-dwana li kienu fil-*Green Area "Kif dahal Bessam,* <u>*kif ser inwaqqfu, qalli "Irrid nurik xi haga….*</u>*fethilna l-baggalja, u hargilna zewg (2) mazzi flus…."*[16] u *"Ghidtlu 'Mr' biex niskenjalu l-baggalja. U qalli "ha nurik xi haga".* <u>*U hu qalli mal-ewwel li ried jurini xi haga*</u>*"*[17] Sinifikanti hu l-fatt li l-imputat irrifjuta li jiffirma dikjarazzjoni li kien qed iddahhal "flus" fit-territorju Malti, Agius jghid *"No. Le, ma' ffermahhiex."*[18]

<u>Din ix-xhieda tikkonferma li kien l-imputat li informa lid-Dwana li kien qed igorr dawn il-biljetti ta' flus.</u>

Illi **Adrian Bonello** in rapprezentanza tal-Bank Centrali ta' Malta spjega li l-'flus' li ezamina, *ictu oculi* kienu jidhru li mhux flus genwini: *"**rajt li mhumiex genwini, ….ghandhom hafna fatturi nieqsin**. Per ezempju l-*<u>*patch m'ghandhomx*</u>*, **kull ma' hija karta stampata**.* <u>*Id-daqs differenti*</u>*.* <u>*Karta ordinarja, differenti mill-karta tal-flus genwina*</u>*. Dak il-inka li suppost tbiddel il-kulur fuq wara, fl-opinjoni tieghi ma kienx jezisti.* <u>*U fuqhom kien hemm xi kitba bit-Tork"*</u>*.*[19] Mistoqsi mill-Qorti jekk bniedem ordinarju setghax mill-ewwel jintebah li dawn ma kienux flus genwini jghid cjar u tond *"Sa certu punt iva. Ghax **tant li kienu kopji ordinanrji li kienu evidenti**.".* Ikompli li meta kien hemm flus ta' denominazjoni ta' €100 li wkoll kienu jidhru li mhux genwini, xorta sfaw mqarrqa xi nies. [20]

Illi **Dr. Steven Farrugia Sacco** fost il-konkluzzjonijiet li ghamel fir-rapport minnu redatt isemmi li *"il-*<u>*kobor tan-noti mhux l-istess*</u>*, fejn jidher li dawn l-anqas gew maqtugha dejjem b'mod uniformi. Inoltre, anke* <u>*il-kulur*</u> *jidher li mhuwex konformi ma' ta' l-originali….meta wiehed jghaddi sabiex imiss l-istess noti, wiehed jintebah li l-*<u>*karta tinhass li mhux dik l-originali*</u>*. Inoltre meta wiehed ipoggi l-istess karta kontra d-dawl, ma jidher l-ebda watermark, jew sinjal ohra ta' sigurta`."* Isemmi ukoll li fuq in-naha tax-

---

[14] Fol.21.
[15] Fol.25-26
[16] Fol.29-30
[17] Fol.37
[18] Fol.31. Dan id-dokument li ma jgorrx il-firma tal-imputat jinsab esebit bhala **Dok. GA1** a fol.40
[19] Fol.51-52.
[20] Fol.53

xellug hemm kitba bit-Tork li tfisser "VOID".[21] Jikkonkludi hekk *"bniedem ordinarju, specjalment hekk kif imiss din il-karta/nota, ghandu jinduna li n-noti mhux originali"*.[22]

**Hawnhekk il-Qorti ma tistax taqbel la mal-konkluzzjoni tal-abbli espert u lanqas ma dak li xehed ir-rapprezentant tal-Bank Centrali ta' Malta. Ir-rapprezentant tal-Bank Centrali hu espert fil-materja u kien biss ghalhekk li seta' jasal biex jiddikjara li jidhru li mhux genwini. Persuna li mhux familjari ma karta tal-€200 u specjalment meta qed tiehu f'idejha mhux il-mazz shih ta' dawn il-banco note - minn fejn tista' tikkonstata l-qisien differenti u minn fejn tista' tara l-istess seriel number - mhix ser tkun f'posizzjoni li tiddistingwi nota genwina minn ohra falza. Mill-banda l-ohra l-espert Farrugia Sacco jasal ghall-konkluzzjonijiet tieghu meta kellu l-beneficcju li jara l-mazz shih kif ukoll permezz ta' *google translate* sab li l-kliem miktubin b'font zghira fuq in-naha ta' fuq ta' wicc tal-karta, kienu bit-Tork u jfissru "VOID".**

**Fil-fehma tal-Qorti persuna li tigi f'idejha karta wahdanija tal-€200 li gew esebiti u miflija mill-Qorti stess, mhux ser toqghod tanalizzaha jew tuza xi *application* biex tara x'jfissru kliem bil-kemm jidhru!!**

Ghalhekk wara li l-Qorti fliet il-'flus' esebiti, tasal biex tikkonkludi li dawn setghu facilment intuzaw biex iqarrqu, peress li l-fotokopja taghhom hi wahda tajba bizzejjed biex tinganna terzi.

Madanakollu dan izda ma jfissirx li l-imputat b'daqshekk ghandu jinstab hati peress li qabel xejn irid jigi ppruvat id-*dolus* tieghu.

Illi **l-imputat** ghazel li jixhed u spjega kif xtara fotokopja ta' flus minn hdejn il-port gewwa Istanbul, u jispecifika il-post ezatt minn fejn instraw.[23] Il-bejjiegh kellu anke karti tad-dollaru izda hu hallas €2 ghal zewg pakketti.[24] Jinsisti li kien hu li mar fuq l-ufficjali tad-Dwana u qallhom li ried jurihom xi haga, fetah il-baggalja u raw il-'flus'.[25] Kien halla l-business card tieghu mal-ufficjali tad-Dwana sabiex jekk riedu

---

[21] Fol.69
[22] Fol.70
[23] Fol.101
[24] Fol.102
[25] Fol.103

jikkuntatjawh dan setghu jaghmluh.[26] Insista li l-ufficjali kienu fuq in-naha ta' barra tal-*green* u *red channels* u li anke talab lill-ispettur tipprokura il-filmat tas-*cctv* sabiex jigi sostanzjat bi provi dak li kien qed jghidu cioe` li kien hu li avvicina lill-ufficjali tad-Dwana. Jirrizulta li minkejja t-tentattivi tal-Ispettur Farrugia, l-isforzi taghha baqghu bla success.[27]

Il-Qorti tirrimarka li fix-xhieda minn tieghu l-imputat jaghti l-istess verzjoni li nghatat l-ewwel darba lill-ispettur investigattiv meta rrilaxxa l-istqarrija; mhemmx kontradizzjonijiet jew tizjin fil-verzjoni. Hekk kif jixhed b'elokwenza quddiem din il-Qorti daqstant iehor jirrizulta, mill-istqarrija, li kien elokwenti u jaghti rendikont minghajr skossi jew suggerimenti. Il-konsistenza hi fattur li fil-fehma tal-Qorti timmilita favur il-kredibbilita` tal-imputat.

Illi l-artikolu 46 tal-Kapitolu 204 ghalkemm specifikament ma jaghmel ebda riferenza li, sabiex tinstab htija taht dan l-artikolu, l-awtur irid ikollu l-intenzjoni li jpoggi l-flus falsifikati in cirkolazzjoni, mhemmx dubbju li dan kien ir-*ratio legis* wara d-disposizzjonijiet li jissanzjonaw *inter alia* il-pussess ta' flejjes foloz.

Jigi mfakkar dak dikjarat fil-Kumitat Parlamentari mill-Onor. Ministru Ghall-Finanzi:

*L-għan tal-Abbozz ta' Liġi li għandna quddiemna llum hu li jitneħħew mill-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta dispożizzjonijiet li jirrigwardaw il-falsifikazzjoni* ***u t-tqegħid ta' flejjes fiċ-ċirkolazzjoni*** *għax id-dispożizzjonijiet li hemm bħalissa huma relatati direttament mal-investigazzjoni u mal-amministrazzjoni tal-ġustizzja, u għaldaqstant huma aktar f'posthom fil-Kodiċi Kriminali.* [28]

Fid-dawl tal-provi mressqa l-Qorti tqis li ma ngiebet l-ebda prova li l-imputat kellhu xi hsieb li jpoggi dawn il-karti stampati fic-cirkolazzjoni. Anzi fil-kwadru tal-provi mressqa, il-Qorti tikkonkludi li l-imputat offra skuza ragonevoli ghall-pussess, kustodja w xiri ta' dawn il-karti ta' €200. U hija precizament din l-iskuza, kif ippercepiha hu fil-hin li twettaq il-kondotta addebitat biha u li tinhtieg tigi hekk pruvata sal-grad tal-probabbli – maghdud ukoll il-fatt li ma giex ppruvat li l-imputat kien

[26] Fol.104
[27] Fol.109
[28] Seduta Nru 429, L-Erbgħa, 19 ta' Ottubru, 2016

intenzjonat ipoggi dawn il-'flus' fic-cirkolazzjoni kif gja nghad - li salvat lill-imputat minn sejbien ta' htija. Dan ghaliex it-tezi tal-abbli difiza dwar il-falz grossolan li ghandha tiskolpa lill-imputat minn kull *mens rea*, ma treggiex meta si tratta ta' dokument pubbliku.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs Jeffrey Busuttil**, li simili ghal kaz in dezamina kien jittratta stampar ta' noti fil-munita ewro, iddecidiet:[29]

Il-ħames imputazzjoni – falsifikazzjoni ta' flus.

Jirriżulta minn dak li qal l-imputat lill-Pulizija li kien huwa stess li għamel photocopies tal-flus għand stationery li huwa għażel li ma jsemmix. L-għan kien biex jintużaw f'film u qal ukoll li ħa l-prekawzjoni, permezz ta' linja sewda, sabiex in-nies ma jużawhomx ħażin…..

Id-difiża ssottomettiet li wieħed seta' jinduna li dawn ma kinux flus ġenwini mal-ewwel daqqa t'għajn. Min-naħa l-oħra, l-imputat ma kellu ebda ħsieb li jqarraq jekk dawn il-'flus' jaslu f'idejn in-nies.

Legalment, is-sottomissjoni li wieħed seta' jinduna li l-flus mhumiex ġenwini mal-ewwel daqqa t'għajn (ictu oculi) ma jgħoddx fejn jidħlu flus li huma meqjusa bħala dokument. Din is-sottomissjoni tista' tgħodd f'sitwazzjonijiet oħrajn kif jgħid il-Professur Mamo fit-Tieni Parti tan-Noti tiegħu a fol 160:

'A perfect imitation isnot, of course, necessary. But if the manner of executing the forgery is so clumsy that the forgery itself is obvious almost 'ictu oculi' then the crime of forgery is negatived, although there may be another kind of offence (fraud). Rex versus L.Cassar C.C. 18th November 1941).....

If, however, the forgery has in fact deceived, the question of the manner of the falsity cannot be raised. (C.C. Rex vs P.Borg 7th May 1915; Rex vs V.Muscat 22nd September 1942; Rex versus Azzopardi 2nd February 1942).

Min-naħa l-oħra fis-sentenza 'Il-Pulizija vs Jamal Ragib El Badawi' tat-12 ta' Jannar 2007, il-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri qalet hekk;

'Fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta tas-17 ta' Ottubru 1997 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Paul Galea, id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku kif spjegata mill-awturi giet deskritta b'dan il-mod:

"filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi ffalsifikat fl-essenza materjali tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioe` fil-kontenut ideali tiegħu (ara Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale II (Giuffre`, Milano, 1986) p. 604). Fi kliem Manzini (Trattato, v. VI, n. 2296, p.829) ikun hemm falsita` materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa

[29] Per Onor. Imhallef Dr. Lawrence Quintano, Deciza 9 ta' Lulju, 2014; Appell Kriminali Numru. 86/2014. Konfermata in toto is-sentenza tal-ewwel qorti kif preseduta mill-Onor. Magistrat Dr. Doreen Clarke, Deciza 24 ta' Frar, 2014; Kumpilazzjoni Nru: 1184/2010

alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun ġenwin 'non e' veredico perche' colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero'.

Għall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita` ikun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew dikjarazzjoni ta' volonta` (Antolisei, F., op. cit., p. 594).

S'intendi, b'kitba wiehed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetici, iżda tinkludi dawk numeriċi, stenografiċi u anke kriptografiċi, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn ċertu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' ssir kemm bl-id kif ukoll b'mezzi mekkaniċi, b'mezz indelibbli jew li jista' jitħassar, u fuq kwalsiasi mezz li jista' jieħu, imqar temporaneament, il-messaġġ – karta, parċmina, injam, ġebel, ħadid, plastik, eċċ."[30]

Għalhekk, bħalma korrettement qalet l-ewwel Qorti, "huwa possibbli li tiehu karta ta l-għaxar liri u tbiddlilha xi waħda mill-karatteristiċi tagħha iżda huwa possibbli wkoll li toħloq karta ta' l-ghaxar liri b'kull mezz li jkollok għad-disposizzjoni tiegħek". Dik il-Qorti mbagħad qalet illi fil-każ tal-erba' karti tal-għaxar liri li nstabu fil-pussess ta' l-appellant hemm il-falso materiale. Qalet: "Dan [il-falso materiale] jeżisti fl-4 karti ta' l-għaxar liri li nħolqu minn xi ħadd li seta' uża kull mezz biex fl-ahhar johrog prodott li jixbah l-ghaxar liri Maltija. Il-falz materjali ma jinħoloqx bl-alterazzjoni biss iżda jista' jinholoq ukoll billi wiehed ifassal dokument ġdid. F'dan il-każ il-Qorti mhix qed teskludi li seta' sar minn fuq brochure tal-flus Maltin ghaliex il-kelma 'Specimen' fil-ġenb tidher f'dawn il-brochures."….

Fl-aħħarnett l-appellant isostni illi l-ewwel Qorti kienet skorretta meta eskludiet ir-rekwiżit tal-potenzjalita`
li d-dokument ikun jista' jqarraq u l-ġurisprudenza citata mill-ewwel Qorti ma tapplikax għal dan il-każ. Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-ilment peress illi **certament biljetti tal-flus huma dokumenti pubblici u għalhekk mhux il-kaz li tigi nvestigata l-potenzjalita` li d-dokumenti in kwistjoni jistgħu jqarrqu**.'

Din il-Qorti għamlet din ir-referenza twila minħabba li din is-sentenza tirrisolvi l-problemi kollha li għandhom x'jaqsmu ma' dan il-każ. L-ewwelnett hemm spjegazzjoni detalljata ta' kif issir ilfalsifikazzjoni.
It-tieni din il-falsifikazzjoni tqieset li saret ukoll jekk kien hemm il-kelma 'specimen' miktub fuq il-brochure tal-flus minn fejn saret il-kopja. It-tielet il-flus għandhom jitqiesu document pubbliku u għalhekk mhux il-każ li tkun investigata l-potenzjalita' li d-dokumenti in kwistjoni setgħu jqarrqu.

Mill-bqija din il-Qorti ftit temmen il-verżjoni li ta l-appellant lill-Pulizija li l-flus kienu intiżi għall-produzzjoni ta' film. Imkein fil-bqija tal-provi ma jissemma x'jismu dan il-film, min kien ser jaħdem fih u fejn kien ser jinħadem. L-appellant lanqas ried biss jagħti ħjiel tal-isem tal-istationer fejn saru l-fotokopji. Li kieku tassew kien ser isir film, ma kien hemm xejn xj jżomm lill-appellant milli jagħti aktar dettalji dwaru u dwar l-istationery fejn saru l-kopji. Barra dan, in-numru ta' karti ta' valuta involut – 146 – huwa wieħed qawwi sew u ma tantx jimxi mal-fil tal-istorja dwar il-film. Il-Qorti ma temminx il-verżjoni li l-appellant ta lill-Pulizija li huwa kien għamel dik il-linja sabiex in-nies ma jitħawdux bejn il-flus foloz u l-flus ġenwini. ……

Għalhekk il-Qorti qed tiċħad dik il-parti tal-aggravju li għandha x'taqsam mal-ħames imputazzjoni.

Is-Sitt Imputazzjoni – Pussess ta' flus iffalsifikati

[30] Onor. Imhallef Dr. David Scicluna

Il-Qorti tirreferi għall-konsiderazzjonijiet li saru dwar il-ħames imputazzjoni. Barra minn dan, kif diġa' ntqal, dawn il-flus instabu fil-pussess tal-appellant. Loġikament l-appellant għandu jinstab ħati ta' din l-imputazzjoni.

[sottolinejar tal-Qorti]

Fis-sentenza tal-ewwel Qorti tkompli temana s-similarita` bejn dan il-kaz u dak citat:

Ghandu jinghad li f'kull wahda minn dawn il-karti, sia f'l-immagni li jidhru fuq il-karta A4 u sia fuq l-immagni li jidhru fuq il-karti maqtughin u stampati fuq iz-zewg nahat, hemm linja sewda hoxna fin-nofs.

Illi dawn il-karti gew ezaminati mill-epert nominat; dan ma kellu l-ebda ezitazzjoni biex jikkonferma li dawn kienu flus foloz u li kienu neqsin minn kull security feature, li kienu stampati fuq karta ordinarja u li kellhom kollha l-istess serial number.

Illi ghandu jigi rilevat li fil-verita l-falsita ta' dawn il-flus hija ovvja mad-daqqa t'ghajn u m'ghandekx ghalfejn tkun espert biex tikkonkludi li huma foloz. L-imputat fil-fatt qed jissottometti li la darba l-flus li kellu fil-pusses tieghu kienu ovvjament foloz u qatt ma setghu jqarrqu, u ghalhekk qatt ma setghu jintuzaw bhala flus foloz; jisottometti li konsegwentement m'ghandux jinstab hati tar-reati issa in ezami.

Illi huwa pacifiku fil-gurisprudenza taghna li <u>f'materja ta' falsifikazzjoni ta' dokumenti l-iskriminanti tal-grossolanita tal-falsifikazzjoni ma hix applikabbli meta l-falsifikazzjoni tkun saret f'dokument publiku</u> [Ref Il-Pulizija vs Paul Bonnici Appell Kriminali deciz 30.06.1961.]; huwa pacifiku ukoll li biljetti ta' flus huma dokumenti publici. ……

[sottolinejar tal-Qorti]

L-importanza li jigi ppruvat id-*dolus* tal-persuna minkejja li din tinstab fil-pussess ta' dokumenti falsifikati giet trattata fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **The Police vs Stephen Osei Boateng** kkunsidrat hekk:[31]

The First Court in its learned judgment concludes that the document in question is purporting to be something which it is not and is capable of deceiving. This is made clear when comparing the international driving documents exhibited as Document JF10 with the said incriminating document wherein the differences between the two is obvious. However the expert who examined all the documents, WPS 306 Claire Borg, in her report and subsequent testimony states that the documents exhibited are fantasy documents which can be easily acquired online. She states under cross-examination regarding their acquisition and possession that: "it is not against the law that you have one but you cannot present it. It is just simple as that." Now the First Court concludes, however that with regard to document JF8, this could deceive third parties into believing it to be a valid travel document since it purports to be an interntaional drivers' license when it is not.

<u>This does not necessarily mean, however, that the *dolus* for the commission of the offence of which appellant has been found guilty is present or could be presumed</u>…….

[31] Per Onor. Mhallef Dr. Edwina Grima. Appell Nru.234/2015, Deciz 30 ta' Gunju, 2016.

In fact the First Court in its judgment with regards to this document states that although it indicates that it is not a valid driving license in its own right but only a translation of the same and cannot be used for official purposes however there is the 'possibility of deception' since the warning words are not clearly indicated and therefore cannot be easily detected by ordinary observation. *A contrario senso* the fact that the document states, although not in a clearly visible fashion, that it is in actual fact only a translation puts into doubt the *mens rea* which appellant could have formed in handling such a document – the same not being any different in its contents from the others. The sole fact that the document could be used by its holder as a driving license does not necessarily prove that appellant's intention in passing it on to its holder was an accomplice to any crime. If the client or licensee's motive in acquiring this document is to trick the authorities into believing that this document is his original driving license does not necessarily imply that the issuer's intention or even less that of the agent handling such a document is one of deception. This could be so, and one could rightly say that such an enterprise is of its nature very dubious and shady, however the evidence tendered in this case does not lead this Court to arrive at a conviction beyond reasonable doubt that the accused is part of an international scam.

Consequently this Court cannot agree with the arguments put forward by the First Court in its judgment that appellant was knowingly using or handling forged documents since it results from the acts that the documents are not a forged reproduction of the original but are original documents produced by an international organisation recognised as being fanatasy documents by the international fora and therefore such that cannot receive official recognition as travel documents in their own right. Although as pointed out by the First Court they could deceive in that such documents are not official documents issued by a competent public authority, however the same adverts indicate the limited use which can be made thereof and thus there is not sufficient evidence in the acts to indicate that appellant knew that such a document was different from the rest and is of a dubious nature. Although suspicion exists, however this in itself is not sufficient at law to lead to a conviction.
[sottolinejar tal-Qorti]

Ghalhekk fid-dawl tal-insenjament guridiku appena enenucjat u tal-provi migjuba, din l-ewwel imputazzjoni ma gietx soddisfacentement ippruvata.

*It-Tieni Imputazzjoni -Artikolu 310BA tal-Kodici Kriminali*

L-artikolu 310BA tal-Kodici Kriminali introdott bl-*Att XXIV tal-2014* hu mfassal kwazi kelma b'kelma fuq Sections 6 u 7 tal-*Fraud Act, 2006*.[32] Fil-passat l-*mens rea* rikjesta li kellha tigi pruvata ai finijiet tal-artikolu

[32] **6 Possession etc. of articles for use in frauds**
(1) A person is guilty of an offence if he has in his possession or under his control any article for use in the course of or in connection with any fraud…..
**7 Making or supplying articles for use in frauds**
(1) A person is guilty of an offence if he makes, adapts, supplies or offers to supply any article—
(a) knowing that it is designed or adapted for use in the course of or in connection with fraud, or
(b) intending it to be used to commit, or assist in the commission of, fraud.

310BA(1) - li jirrispekja Section 6 - kienet dik l-intenzjoni generika li jsir att frawdolenti:

Section 6 makes it an offence for a person to possess or have under his control any article for use in the course of or in connection with any fraud. This wording draws on that of the existing law in section 25 of the Theft Act 1968 and section 24 of the Theft Act (Northern Ireland) 1969. (These provisions make it an offence for a person to "go equipped" to commit a burglary, theft or cheat, although they apply only when the offender is not at his place of abode.) The intention is to attract the case law on section 25, which has established that proof is required that the defendant had the article for the purpose or with the intention that it be used in the course of or in connection with the offence, and that a general intention to commit fraud will suffice. In *R* v *Ellames* 60 Cr. App. R. 7 (CA), the court said that:

"In our view, to establish an offence under s 25(1) the prosecution must prove that the defendant was in possession of the article, and intended the article to be used in the course of or in connection with some future burglary, theft or cheat. But it is not necessary to prove that he intended it to be used in the course of or in connection with any specific burglary, theft or cheat; it is enough to prove a general intention to use it for some burglary, theft or cheat; we think that this view is supported by the use of the word 'any' in s 25(1). Nor, in our view, is it necessary to prove that the defendant intended to use it himself; it will be enough to prove that he had it with him with the intention that it should be used by someone else."[33]

Illi l-*Crown Prosecution Service* toffri dawn in-noti spjegattivi:

There is no defence of "reasonable excuse". Those who are, in particular, properly in possession of or involved in the development of computer software or other items for use to test the security of computer or security systems must rely on their lack of intention that the items or programmes are "for use in the course of or in connection with any fraud." Prosecutors will be alert to such circumstances and the possible abuses.[34] [sottolinejar tal-Qorti]

F'dan il-kaz, kif tammetti l-istess ufficjal prosekutur meta tafferma li ma rrizulta xejn konkrett u tangibbli li jindika li l-imputat kien intenzjonat iqarraq b'terzi jew iwettaq xi att frawdolenti,[35] hawn mankanza assoluta ta' provi. Ghaldaqstant l-imputat qed jigi liberat ukoll minn din it-tieni imputazzjoni.

Ghal dawn il-mottivi, in vista tal-mankanza assoluta ta' provi, il-Qorti mhux qed issib lill-imputat hati u konsegwentement tilliberah minn kwalunkwe htija u piena.

---

[33] https://www.legislation.gov.uk/ukpga/2006/35/notes/division/5/6
[34] https://www.cps.gov.uk/legal-guidance/fraud-act-2006
[35] Fol.86

In vista tat-talba tal-Avukat Generali sabiex il-biljetti tal-flus esebiti[36] - **Dok. YV1 (K/B/14/2016)** - ma jigux distrutti u dan peress li hemm il-hitega taghhom bhala evidenza fi proceduri kriminali ohra, senjatament fl-atti processwali fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Joseph Bezzina,* il-Qorti qed tichad it-talba tal-prosekuzzjoni ghall-qirda ta' dawn il-biljetti tal-flus.

Ghalhekk qed tordna kommunikazzjoni ta' din is-sentenza lir-Registratur tal-Qorti sabiex jittiehdu il-provvedimenti opportuni li ghandhom jassiguraw li l-imsemmija biljetti tal-flus jibqaw preservati ghall-ghan imsemmi.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

[36] Prezentata nhar il-23 ta' Novembru, 2018